# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru 11**

**Rikors Numru 355/14**

**L.E.P.T. Enterprises Limited (C-2476)**

**v.**

**Superintendent tas-Sahha Pubblika**

Dan huwa provvediment fuq eccezzjoni ta' rikuza tal-membri ta' din il-Qorti sollevata mis-socjeta` L.E.P.T. Enterprises Limitred, waqt is-seduta tas-6 ta'' Ottubru, 2015 u "*peress li ddecidew is-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni*".

Dak li ghandha quddiemha din il-Qorti ghad-decizjoni taghha hija talba ghal ritrattazzjoni ta' appell li kien sar mill-istess socjeta` L.E.P.T. Enterprises, li kien deciz minn din il-Qorti b'sentenza taghha tas-27 ta' Frar, 2015, li biha cahad l-appell u kkonferma s-sentenza li ha l-Bord tas-Servizzi Generali fit-30 ta' Lulju, 2014.

Is-sentenza msemmija ta' din il-Qorti kienet tirrigwarda applikazzjoni ta' zvilupp fi blokk ta' appartamenti fi Triq il-Marfa, Gherbulin, limiti tal-Mellieha, li sar mill-imsemmija socjeta`. L-ispettur sanitarju kien irrakkomanda r-rifjut tal-applikazzjoni ghal-ragunijiet sanitarji, liema rakkomandazzjoni ghar-rifjut giet ikkonfermata mill-imsemmi Bord fis-sentenza tieghu ta' Lulju, 2014. Din il-Qorti, bis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar, 2015, ikkonfermat id-decizjonijiet li ttiehdu qabel, izda issa l-socjeta` L.E. P.T. Enterprises Limited qed titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza deciza minn din il-qorti a bazi tal-Artikolu 811 (i) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-Artikolu 811(i) jaghti lok ghal ritrattazzjoni jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Ghal fini tal-ezami jekk hemmx dan il-konflitt, ma hijiex mehtiega li l-gudikanti li ippronunzjaw l-ewwel sentenza jastjenu, peress illi hu maghruf li l-kontradizzjoni trid tirrizulta fid-<u>dizpozittiv tas-sentenza</u> u mhux fil-konsiderazzjonjiet, u jekk din il-kontradizzjoni tirrizulta, l-Imhallfin zgur li mhux se jhalluha mhux

ikkorreguta. Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-decizjoni tal-Qorti u taghmilha *pro tanto* inezegwibbli, u jekk lill-imhallfin li taw is-sentenza, jirrizulta li hekk fil-fatt hu l-kaz, allura tkun tista' ssir id-debita kjarifika. Ma hux ragonevoli li xi hadd jahseb li xi Qorti, tkun kif tkun komposta, se thalli sentenza taghha tibqa' inezegwibbli minhabba xi nuqqas taghha, jekk dan jirrizulta; u certament hi l-Qorti komposta kif tat is-sentenza li hi fl-ahjar pozizzjoni biex tiddetermina kienx hemm xi dispozizzjonijiet kontradittorji u, jekk kien hemm, li tirrimedja fil-fazi rexxissorja.

Fil-kuntest tal-Artikolu 811(l), kif qalet din il-Qorti fil-kuntest ta' talba simili fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Strand Electronics Limited v. Direttur tal-Corporate Services fil-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja et:**

> *"**7.** Il-kompitu ta' din il-Qorti għall-finijiet tat-talba tas-socjeta` Office Group Ltd. għal ritrattazzjoni ma hux li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li fuqhom tkun straħet fis-sentenza li tagħha qed tintalab ritrattazzjoni iżda biss li tivverifika jekk fis-sentenza ritrattandi kienetx saret żbaljatament xi suppożizzjoni jew esklużjoni ta' xi fatt. Sabiex tintlaqa' t-talba ta' ritrattazzjoni, iżda, l-fatt in kwistjoni ma jridx ikun wieħed li kien ikkontestat u ġie deċiż bis-sentenza ritrattandi. Jekk il-fatt in kwistjoni kien punt ikkontestat u ġie deċiż f'dik is-sentenza, u allura l-Imħallfin ikunu ġà taw il-fehma tagħhom dwaru, t-talba għal ritrattazzjoni tiġi miċħuda skont il-liġi u għalhekk, billi l-imħallfin ma jkunux msejjħa jerġgħu jagħtu l-fehma tagħhom dwar dak il-fatt, f'dik iċ-ċirkostanza ma hemmx lok għar-rikuża jew astensjoni tagħhom. Mill-banda l-oħra, jekk il-fatt in kwistjoni ma kienx ġie deċiż bis-sentenza ritrattandi allura l-Imħallfin ikunu għadhom ma tawx il-fehma tagħhom dwaru u dan ukoll ma jagħtix lok għar-rikuża jew astensjoni. Fil-każ wieħed jew l-ieħor, għalhekk ma hemmx lok għar-rikuża jew astensjoni tal-Imħallfin komponenti din il-Qorti."*

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ta' rikuza hija respinta u qed jigi ordnat li jinbeda s-smigh *in rescindendo.*

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df